ST THOMAS MORE COLLEGE
Middle and Secondary School, Zejtun

# Dettalji tal-Istudent/a - Sena Skolastika 2025/2026

**Dettalji tal-Istudent/a** **JEKK JOGĦĠBOK IMLA D-DETTALJI KOLLHA**

**Isem**

**Kunjom**

**Data tat-Twelid** j j x x s s **Nru tal-Karta tal-Identità**

**Klassi**

**Indirizz tal-istudent**

**Kodiċi Postali** **Telefown tad-Dar**

**Dettalji tal-Ġenituri/Gwardjani Legali - JEKK JOGĦĠBOK IMMARKA KIF MEĦTIEĠ:**

**IL-ĠENITURI HUMA:**

- ☐ MIŻŻEWĠIN
- ☐ IDDIVORZJATI
- ☐ SEPARATI
- ☐ STAT IEĦOR: ____________________
- ☐ ĠENITUR WIEĦED

**Isem il-Missier/Gwardjan Legali**

**Kunjom**

**Numru tal-ID** **Numru tal-Mowbajl**

**Telefon tad-dar** **Telefon tax-xogħol**

**Indirizz tal-Missier jekk hu differenti minn tal-istudent**

**Imejl tal-Missier** ____________________

**Isem l-Omm/Gwardjan Legali**

**Kunjom**

**Numru tal-ID** **Numru tal-Mowbajl**

**Telefon tad-dar** **Telefon tax-xogħol**

**Indirizz tal-Omm jekk hu differenti minn tal-istudent**

**Imejl tal-Omm** ____________________

**Numru f'każ ta' Emerġenza**

**Telefon tal-emerġenza**

## Informazzjoni Rigward is-Saħħa tal-Istudent/a

**Immarka jekk it-tifel/tifla i/tbati minn**

**Dijabete** ☐

**Epilessija / Konvulżjoni** ☐

**Ażma** ☐

**Oħrajn** ☐

**Jekk tbati minn xi ħaġa oħra, spjega hawn taħt:**

______________________________

______________________________

______________________________

**Allerġija** ______________________________

______________________________

**Mediċini (jekk meħtieġa waqt il-ħin tal-iskola)**

**It-tifel/tifla j/tieħu mediċini** **IVA** ☐ **LE** ☐

**Mediċini li j/tieħu mid-dar** ______________________________

______________________________

**Mediċini li j/tieħu mill-iskola** ______________________________

______________________________

**Jekk jogħġbok agħtina aktar dettalji:**

**Istruzzjonijiet** (*e.ż*. Teħodha darba, tliet darbiet kuljum, eżatt wara l-ikel) ______________________________

**Isem tal-Mediċina** ______________________________

**Kwantità** (*e.g*. 1-0-1) ______________________________

**NOTA:**

**Hija r-responsabbiltà tal-ġenituri li jinfurmaw lill-Kap tal-Iskola bit-tibdil kollu fejn tidħol il-kundizzjoni medika / mediċina tat-tifel / tifla tiegħek.**

## Visti tas-Saħħa minn Tobba u Professjonisti Paramediċi - Formola ta' Kunsens

**Dikjarazzjoni**

Jiena, ______________________________ hawn taħt iffirmat/a, omm/missier/gwardjan/a tal-istudent/a imsemmi/ja hawn fuq, ġejt mgħarraf/a illi fl-iskejjel jattendu tabib, dentist, ners u professjonisti paramediċi oħra bl-iskop li jagħmlu eżamijiet ta' rutina fuq it-tfal. Jiena naf ukoll li dan il-kunsens japplika għal dawn l-eżamijiet ta' rutina li jsiru fuq it-tali tifel/tifla, kull meta jkun hemm bżonn matul is-snin skolastiċi kollha li t-tifel/tifla j/tattendi din l-iskola. Nifhem ukoll li jekk jien ma nagħtix il-kunsens tiegħi għal dawn l-eżamijiet, il-Kap tal-Iskola għandu d-dritt jitlobni ċertifikat mediku, li jista' jgħaddih ukoll lit-tabib tal-iskola.*

**Immarka kif tixtieq**

**Nagħti l-kunsens** ☐ **Ma nagħtix il-kunsens** ☐

*** L-iskrinjar tax-xagħar ma jaqax taħt din il-formola tal-kunsens, peress li dan is-servizz huwa pprovdut fl-iskejjel biex jiġu eżaminati l-istudenti kollha.**

## Formola ta' Kunsens dwar l-Użu ta' Ritratti/Vidjows tal-Istudenti

Minn żmien għal żmien l-iskola tkun tixtieq:

- Tieħu ritratti tal-istudenti waqt attivitajiet tal-iskola
- Tieħu filmati tal-istudenti waqt attivitajiet tal-iskola
- Tuża ritratti li għandha tat-tfal sabiex ikunu jistgħu jidhru f'xi pubblikazzjonijiet jew tal-iskola jew fil-gazzetta
- Tuża ritratti / vidjows għas-sit elettroniku tal-iskola, tal-kulleġġ jew inkella tad-direttorat

Biex l-iskola tkun konformi mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data 2001, għandha bżonn il-permess tagħkom biex tuża l-materjal imsemmi. Jekk jogħġbok wieġeb il-mistoqsijiet (li jinsabu iktar 'l isfel) u wara ffirma u ikteb id-data fl-ispazju provdut fuq din il-formola. Dan il-kunsens jista' jitħassar minnek kull ħin bil-miktub. Din il-formola għandha tintbagħat lura lill-Kap tal-Iskola.

| | Iva | Le |
|---|---|---|
| 1. Nistgħu nieħdu r-ritratt tat-tifel/tifla tiegħek waqt attivitajiet tal-iskola u nużawhom fuq notice boards, newsletters, rivisti, eċċ tal-iskola? | | |
| 2. Tagħti permess li t-tifel/tifla tiegħek j/tigi ffilmjat/a waqt attivitajiet tal-iskola? | | |
| 3. Nistgħu nibagħtu ritratti u vidjows tat-tifel/tifla tiegħek fil-gazzetti u t-televixin biex inkunu nistgħu nuru x'inhu jiġri fl-iskola? | | |
| 4. Nistgħu nużaw ir-ritratt tat-tifel/tifla tiegħek għal pubblikazzjonijiet jew bordijiet tal-avviżi tad-Direttorati tal-Edukazzjoni? | | |
| 5. Nistgħu nużaw ir-ritratt tat-tifel/tifla tiegħek fuq il-pjattaformi kollha diġitali tal-iskola? | | |
| 6. Nistgħu nużaw ir-ritratt tat-tifel/tifla tiegħek fuq il-sit elettroniku tad-Direttorati tal-Edukazzjoni? | | |
| 7. Nistgħu nużaw ir-ritratt tat-tifel/tifla tiegħek fuq sit elettroniku?(L-identita` u d-dettalji tat-tifel/tifla jibqgħu anonimi)? | | |

Aħna nagħtu l-kunsens li:
a. ritratti / vidjows jittieħdu fl-iskejjel jew waqt xi attivitajiet organizzati mill-iskola;
b. jiġu ppubblikati ritratti / vidjows fuq il-pubblikazzjonijiet u l-pjattaformi diġitali li jappartjenu għall-iskola;
ċ. isir qsim u l-pubblikazzjoni possibbli ta' ritratti/vidjows fuq midja esterna.

## Kunsens għall-Messaġġi fuq il-Mowbajl (SMS)

**Naċċetta biex nirċievi messaġġi (SMS) fuq il-mowbajl**

Jiena, ______________________________________________ hawn taħt iffirmat/a, omm/missier/gwardjan legali

ta' ______________________________________________, ġejt mgħarraf/a illi minn ħin għal ieħor l-iskola tibgħat avviżi ta' attivitajiet, riżultati, eċċ. permezz ta' SMS fuq il-mowbajl. Għalhekk, jiena nagħti l-kunsens tiegħi biex nirċievi dawn il-messaġġi mill-iskola fuq il-mowbajl kif muri hawn taħt. Jiena naf li nista' nwaqqaf dan is-servizz meta rrid b'avviż bil-miktub mingħandi.

Numru tal-mowbajl: |__|__|__|__|__|__|__|__|

**Nota**

**Hija r-responsabbiltà tal-ġenituri li jinformaw lill-Kap tal-Iskola b'kull tibdil fin-numru tal-mowbajl fejn jintbagħtu dawn il-messaġġi.**

## Is-Servizzi Psiko-Soċjali tal-Kulleġġ

Nagħti l-kunsens tiegħi biex ibni/binti j/tirċievi għajnuna mis-servizzi psiko-soċjali tal-kulleġġ f'dak li għandu x'jaqsam mal-benesseri tiegħu/tagħha.

Naqbel ☐ Ma Naqbilx ☐

## Kunsens tal-Ġenituri/Kustodji tal-Istudenti li jistudjaw l-ETIKA: Parteċipazzjoni waqt Funzjonijiet Reliġjużi

Jien, il-ġenitur/kustodju ta' ______________________________, nagħti permess lit-tifel/tifla tiegħi j/tattendi l-funzjonijiet reliġjużi organizzati mill-iskola matul is-sena skolastika, minkejja li għażel/għażlet li j/tistudja l-Etika.

Naqbel ☐ Ma Naqbilx ☐

Jekk taqbel, ikteb l-ittra elettronika tal-ġenitur/kustodju hawnhekk: ______________________________

Data: ____ / ____ / ____
j j x x s s

Isem u kunjom tal-ewwel ġenitur/gwadjan legali ______________________________

Firma tal-ewwel ġenitur/gwadjan legali ______________________________

Numru tal-karta tal-identità tal-ewwel ġenitur/gwadjan legali ______________________________

Isem u kunjom tat-tieni ġenitur/gwadjan legali ______________________________

Firma tat-tieni ġenitur/gwadjan legali ______________________________

Numru tal-karta tal-identità tat-tieni ġenitur/gwadjan legali ______________________________

| Dikjarazzjoni għall-Protezzjoni tad-Data |
|---|
| **Din l-informazzjoni hi meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-iskola. Din l-informazzjoni tista' tingħata lill-Kulleġġi, lid-Direttorati tal-Edukazzjoni, lill-awtoritajiet oħra kompetenti, kif ukoll lill-persuni li jagħtu servizz ta' IT lill-Awtoritajiet Edukattivi. Din l-informazzjoni tinżamm b'kunfidenzjalità minn kull min għandu l-aċċess. L-iskola, kif ukoll id-Direttorati tal-Edukazzjoni, jiġbru l-informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jagħtu s-servizzi kif mitluba skont l-Att tal-Edukazzjoni (Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-ġenituri/gwardjani legali huma mitluba li javżaw lill-Kap tal-Iskola b'xi tibdil li jista' jkun hemm f'din l-informazzjoni. Kull data miġbura u pproċessata hija konformi mar-Regolamenti, Liġijiet u liġijiet Sussidjarji dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (GDPR, Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-ġenituri/gwardjani legali jistgħu jiktbu lill-Kap tal-Iskola biex jaċċessaw din id-data.** |

ST THOMAS MORE COLLEGE
Middle and Secondary School, Żejtun

## KODIĊI TA' MĠIBA – SENA SKOLASTIKA 2025/2026

### Kuntratt li jrid jiġi ffirmat bejn l-iskola u l-istudent/il-ġenituri jew il-kustodji legali.

Aħna, il-ġenituri/kustodji legali ta' ______ nintrabtu li naraw li t-tifel/tifla tagħna li qiegħed/qiegħda fil-Klassi ______ j/tobdi r-regoli kollha tal-iskola u dan bl-għajnuna tagħna.

It-tifel/tifla tagħna mistenni/ja li:

- **J/Tirrispetta u j/tobdi r-regoli** kollha tal-iskola.
- **J/Tagħmel ix-xogħol tal-iskola u dak mogħti għad-dar** (HW) b'mod regolari.
- J/Turi **onestà u integrità**.
- J/Tittratta lil kulħadd **b'dinjità u b'rispett f'kull ħin**, l-aktar meta jkun hemm nuqqas ta' ftehim.
- **J/Tirrispetta u j/tittratta lill-oħrajn indaqs**, huma x'inhuma r-razza, il-pajjiż, il-kulur tal-ġilda, l-etniċità, ir-religjon, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-età jew id-diżabbiltà.
- J/Tieħu ħsieb u j/tirrispetta **l-proprjetà tal-iskola u l-proprjetà ta' ħaddieħor**.
- **J/Tirrispetta l-membri kollha tal-komunità tal-iskola**, speċjalment lil dawk f'pożizzjoni ta' awtorità.
- **J/Tirrispetta d-dritt tal-oħrajn** li jitgħallmu f'ambjent li jħeġġeġ it-tagħlim.
- I**/Tfittex l-għajnuna** mingħand membri tal-istaff sabiex il-konflitti jgħaddu b'wiċċ il-ġid.
- **J/Tuża t-teknoloġija u l-medja soċjali b'rispett**.

Aħna, il-ġenituri/kustodji legali, għandna responsabbiltà sħiħa u fuq kollox mistennija li:

- Nuru interess attiv fl-iskola u l-progress tat-tifel/tifla tagħna.
- Nikkomunikaw ta' spiss mal-iskola.
- Insiru midħla tar-regoli tal-iskola u naraw li dawn jiġu rrispettati.
- Insegwu lit-tifel/tifla tagħna sabiex isir ix-xogħol tad-dar (HW) b'mod regolari
- Naħdmu id f'id mal-membri tal-istaff tal-iskola meta jkun hemm kwistjonijiet ta' dixxiplina.

Kemm-il darba dawn l-aspettattivi ma jintlaħqux, nifhmu li jkun hemm il-konsegwenzi. Bħala ġenituri naċċettaw li t-tifel/tifla tagħna tieħu l-konsegwenzi kif u meta jkun hemm bżonn.

| | | |
|---|---|---|
| Il-Firma tal-Missier/Kustodju Legali | In-Numru tal-karta tal-Identità | Il-Firma tal-istudent/a |
| | | **ĠUNJU 2025** |
| Il-Firma tal-Omm/Kustodja Legali | In-Numru tal-karta tal-Identità | Id-Data |

ST THOMAS MORE COLLEGE
Middle and Secondary School, Żejtun

# KOTBA TAL-ISKOLA U TAL-LIBRERIJA
# MISLUFA MIL-LIBRERIJA TAL-ISKOLA

Jiena, omm/ missier / kustodju* ta' ________________________ *(isem/kunjom tal-istudent)* li qiegħed fi klassi ___________________ nifhmu li ħa nkunu qed nirċievu l-kotba tal-iskola bħala self mill-Kulleġġ San Tumas More Skola Medja u Sekondarja, iż-Żejtun għat-tifel/tifla tagħna għal matul din is-sena skolastika. Jiena nobbliga ruħi li ngħin u nara lit-tifel/tifla tagħna j/tieħu ħsieb dawn il-kotba u nerġa' nirritornahom lura l-iskola fi tmiem is-sena skolastika **f'KUNDIZZJONI TAJBA** hekk kif ingħataw lilna.

**Jiena nifhem ukoll li f'każ li xi ktieb ikun mitluf jew imqatta', jiena jkolli nħallas għal dak il-ktieb l-ammont mitlub mis-servizzi tal-kotba fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni.**

______________________________ ___________________

Il-firma tal-omm/ missier/ kustodja* Id-data

(*ikkanċella fejn ma japplikax)

Numru tal-Karta tal-Identità: _________________________

*N.B. Jekk imlejt din it-taqsima matul is-sena skolastika, terġax timlieha mill-ġdid.*
*Se nieħdu nota biss tal-ewwel sottomissjoni.*

**L-Għażla tal-Lingwa għan-Noti u għall-Eżamijiet Annwali għas-Suġġetti tar-Reliġjon, Studji Soċjali, Storja u Ġeografija**

Għeżież Ġenituri/Kustodji

Minn qalbna nittamaw li lkoll tinsabu tajbin. Nixtiequ ninfurmawkom dwar deċiżjoni importanti relatata mal-għażla tal-lingwa għan-noti u għall-eżamijiet tal-aħħar tas-sena għas-suġġetti tar-Reliġjon, Studji Soċjali, Storja u Ġeografija. Bħala skola, aħna lkoll determinati li nipprovdu edukazzjoni kompluta u nemmnu bis-sħiħ li għandna noffru lill-istudenti tagħna kull opportunità biex jitgħallmu bil-lingwa li jippreferu. Sabiex inkunu nistgħu nieħdu ħsieb dawn il-bżonnijiet relatati mal-isfond lingwistiku tal-istudenti tagħna, qegħdin nintroduċu l-għażla fejn l-istudenti jagħżlu b'mod uffiċjali b'liema lingwa jixtiequ n-noti tagħhom u kif ukoll l-eżamijiet annwali ta' dawn is-suġġetti msemmija.

***Tajjeb li żżommu f'moħħkom li ġaladarba l-lingwa tiġi magħżula, din tiġi fis-seħħ minn din is-sena akkademika sal-11-il Sena.***

**Isem: ____________________________ Kunjom: _____________________________**

**Klassi: ____________________________ Malti ❐ Ingliż ❐**

Tislijiet u Saħħiet



Adrian Galea
**Kap tal-Iskola**
*Kulleġġ St Thomas More,*
*Skola Medja u Sekondarja, Żejtun*
*t: 25986400*
*e: adrian.galea@ilearn.edu.mt*
*w: https://zejtunmiddlesecondaryschool.com/*

ST THOMAS MORE COLLEGE
Middle and Secondary School, Żejtun

# FORMOLA ĠENERALI TA' KUNSENS GĦALL-ĦARĠIET EDUKATTIVI
# SENA SKOLASTIKA 2025-2026

Jiena/Aħna, il-ġenitur/i/kustodju/i legali ta' ________________________________________ , li qiegħed/qiegħda fil-klassi ____________________ , nagħti/nagħtu l-kunsens tiegħi/tagħna sabiex it-tifel/tifla tiegħi/tagħna jattendi/tattendi għall-ħarġiet edukattivi **KOLLHA** li ser jiġu organizzati mill-iskola tul din is-sena skolastika.

| | | | |
|---|---|---|---|
| ____________________<br>Isem il-Ġenitur/i / Kustodju/i Legali | ____________________<br>Firma tal-Ġenitur/i / Kustodju/i Legali | ____________________<br>Numru tal-Karta tal-Identità | __________________<br>Numru tat-telefon f'każ ta' emerġenza |

*L-iskola tipproċessa d-data skont l-Att tal-Protezzjoni tad-Data (2001). Dettalji personali jintużaw biss għal raġunijiet amministrattivi.*

--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

# NUQQAS TA' KUNSENS GĦAL ĦARĠA TAL-ISKOLA PARTIKULARI
# SENA SKOLASTIKA 2025-2026

Jiena/Aħna, il-ġenitur/i/kustodju/i legali ta' __________________________________________, li qiegħed/ qiegħda fil-klassi ____________________ , **ma nagħtux** kunsens sabiex it-tifel/tifla tiegħi/tagħna jattendi/tattendi għall-ħarġa edukattiva ______________________________________ (agħti l-isem tal-ħarġa) nhar ____________________ (id-data tal-ħarġa).

SEMMI R-RAĠUNI LI GĦANDHA TIĠI KKUNSIDRATA: _______________________________________

| | | | |
|---|---|---|---|
| ____________________<br>Isem il-Ġenitur/i / Kustodju/i Legali | ____________________<br>Firma tal-Ġenitur/i / Kustodju/i Legali | ____________________<br>Numru tal-Karta tal-Identità | __________________<br>Numru tat-telefon f'każ ta' emerġenza |

*L-iskola tipproċessa d-data skont l-Att tal-Protezzjoni tad-Data (2001). Dettalji personali jintużaw biss għal raġunijiet amministrattivi.*